# IL-MALTI

QARI LI TOHROĠ *IL-GHAQDA TAL-KITTIEBA TAL-MALTI* — SETTEMBRU 1950


# *Kliem Fieragħ u ta' Hejm*

*IL-KELMA hi l-espressjoni tal-ħsieb li jitfisser tajjeb jew ħażin skond ma nagħarfu nqiegħdu sewwa jew le l-kliem tagħna. Tassew li meta l-moħħ ikun fieragħ u d-dehen ikun dgħajjef, il-kliem ma tantx jiswa billi ma jkunx hemm idejiet u ħsebijiet x'jagħtihom sura u għamla.*

*Mela biex wieħed jitkellem tajjeb u bil-għaqal l-ewwel ħtieġa hi li jkollu moħħu jaħdem sewwa, u wkoll li jkollu ħażna ta' għerf u ta' esperjenza; jiġifieri li l-moħħ għandu sehem qawwi fil-għażla u l-għamla tal-kliem, iżda xi drabi jista' jiġri li l-kliem ifixkel ir-raġunar tal-moħħ, għax bħalma żiemel tajjeb ma jiġrix kemm jiflaħ f'biċċa inġenji tqila u ħażina, hekk l-intellett tajjeb ma jagħmilx effett b'mezz ta' kliem imqanżaħ u bla sens.*

*Għalhekk jagħmlu ħażin mhux ftit dawk il-ġenituri li fit-trobbija ta' wliedhom iderruhom igħidu ħafna kliem u ħafna espressjonijiet ridikoli u bla sens. Id-dehen tat-tfal jibda jsib espressjoni f'dak il-kliem imgħawweġ u jibqa' ma jrabbix dik il-ħeġġa u dik il-qawwa li huma l-espressjoni perfetta tal-ħidma ta' moħħ il-bniedem.*

*Wieħed jara ħafna ommijiet u missirijiet ifissdu lil uliedhom żgħar u jgħidulhom ħafna kliem u espressjonijiet banali u ridikoli li jdaħħku bihom lill-barranin li jisimgħuhom. Tisma' ommijiet iżiegħlu b'uliedhom biex jixorbu l-ħalib u jgħidulhom* "Drinky milky"; *jew tara missirijiet jilagħbu maż-żgħar tagħhom u jistednuhom imiddu idejhom :* "Dammi wejdina" *jew iħajruhom jilagħbu bil-ballun :* "Kicky bally". *Imsejknin! b'daqshekk jidhrilhom li jkunu jderru lil uliedhom jitkellmu bl-Ingliż jew bit-Taljan; ma jafux li b'daqshekk ikunu qegħdin idallmu l-moħħ taż-żgħar tagħhom għax ma jħalluhx jiżviluppa b'dik il-ħeġġa u b'dik il-qawwa naturali tiegħu. Il-ġenituri għandhom id-dmir li jżegħlu b'uliedhom, imma mhux b'mod u manjiera li jfixklulhom l-iżvilupp intellettwali tagħhom għax meta l-ġenituri jitkellmu ma' wliedhom bi kliem fieragħ u bla sens, it-tfal jikbru b'mentalità dgħajfa u titrabba fihom għada ta' hejm u ta' fsied*

*li ma jeħilsu minnhom qatt f'għomorhom kollu. Minn hawn ġej li l-lum wieħed jitaqa' ta' sikwit ma' rġiel u nisa li jaħsbuha ta' tfal, li jitkellmu fuq ħmerijiet biss u li ma għandhomx ħila jżommu konversazzjoni soda u bil-għaqal.*

*Hafna minn dawn il-ġenituri jkellmu lil uliedhom bi kliem barrani mgħawweġ bi skop li ż-żgħar tagħhom jidraw jitkellmu lsien barrani aktar bil-ħeffa minn ċkunithom, iżda dan ma hu xejn minnu, anzi aktarx jiġri l-kuntrarju, għax bosta drabi l-ġenituri ma jkunux jafu tajjeb l-ilsien Ingliż u dawk it-tfal li meta jkunu għadhom żgħar ikellmuhom b'Ingliż imgħawweġ, meta jikbru ma jitgħallmux Ingliż tajjeb u perfett, iżda jibqgħu jitkellmu Ingliż imqanżaħ u mgħawweġ kif b'mistħija kbira ta' sikwit nisimgħu jitkellmu bl-Ingliż nies li jokkupaw karigi għoljin u li meta kienu żgħar nieshom kellmuhom għal taparsi bl-Ingliż.*

*Mela hemm perikolu li dawk il-ġenituri li jkellmu lil uliedhom żgħar bi kliem barrani mgħawweġ ifixkluhom fit-tagħlim sewwa u kif imiss ta' l-ilsna barranin. Dak il-ħafna kliem Ingliż imgħawweġ u bla sens inissel dik il-għamla ta' kliem li bi tmaqdir l-Ingliżi jsejħulha "Pidgin English" jew "Ingliż taċ-Ċiniżi" u li minn taħt jidħku b'min jitkellem biha.*

*Barra dan li għidna hemm raġunijiet oħrajn għaliex min ikellem lil uliedu bi kliem barrani ta' hejm u fsied jagħmlilhom aktar ħsara milli ġid u flok li jgħin ikun ifixkel it-tagħlim tagħhom. Hafna minn dawk il-missirijiet u ommijiet li jkellmu lil uliedhom b'ilsien barrani huma nfushom ma jkunux imħarrġin f'dak l-ilsien: ma jkunux jafu l-pronunzja u l-kostruzzjoni tiegħu, u hekk it-tfal jidraw pronunzja u kostruzzjoni difettuża li qatt ma jeħilsu minnha. Minn hawn ġej li wkoll wara li dawk it-tfal imorru l-iskola, jibqgħu dejjem lura u mqanżħin fl-ilsna barranin bla ma jkunu kapaċi jlissnu erba' kelmiet jekk ma jdumux qatigħ ilaqalqu u jgħawġu ħalqhom.*

*Min irid igħallem lil uliedu b'ilsna barranin ma għandux idallmilhom moħħhom b'ħafna kliem fieragħ u taċ-ċajt, iżda meta jilħqu, għandu jibgħathom l-iskola fejn jitgħallmu skond is-sengħa minn surmastrijiet imħarrġin tajjeb; b'hekk jiksbu minn żgħurithom sisien sħaħ u qawwija li fuqhom ikunu jistgħu jibnu tagħrif fejjiedi ta' l-ilsna barranin.*

*Mela għall-ġid ta' wliedna nħalluna minn dan il-ħafna kliem imgħawweġ barranin li bħalma rajna jfixkel mhux ftit l-iżvilupp intellettwali u t-tagħlim tagħhom; inkellmuhom bi kliem sod u eżatt li jifhmuh tajjeb u li jderrihom iħaddmu magħhom u jitkellmu bil-għaqal u bla tlaqliq.*